MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 2655/2000/1

**Josephine Aquilina**

**v.**

**Kummissarju Dipartiment dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud gja Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa u Direttur tal-Lottu Pubbliku, u b'digriet tal-25 ta' April 2001 gie msejjah fil-kawza l-Bord tal-Lotterija tal-VAT**

**Il-Qorti:**

## Preliminari u citazzjoni

**1.** Dan hu appell f'kawza mibdija minn Josephine Aquilina li permezz taghha hija talbet li l-konvenuti, jew min minnhom, jghaddilha l-premju f'lotterija li hija tippretendi li hija intitolata ghalih.

**2.** Permezz ta' citazzjoni pprezentata fit-22 ta' Dicembru 2000 Josephine Aquilina (illum appellanti) ippremettiet illi fl-1 ta' Lulju 2000 marret fl-istabbiliment Coin, the Plaza Department Store, Sliema li huwa gestit minn MHG Trading Limited; illi  fl-istess jum hija xtrat xi affarijiet kif jirrizulta mir-ricevuta (Dok. "A", fol. 6) annessa mal-att tac-citazzjoni; illi kif jirrizulta mill-kopja tal-permess tad-D.L.P. numru 48/97 (Dok. "B" a fol. 7 ta' l-atti), kull min ikollu ricevuta mahruga minn cash register jew minn mekkanizmu mqabbda ma xi mekkanizmu mqabbda ma' sistema kompjuterizzata, jikkwalifika awtomatikament ghat-tlugh ta' lotterija li ssir mid-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud gja Dipartiment tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa; illi minn avviz li gie ppubblikat fil-gazzetti lokali rrizulta li r-rebbieh tal-lotterija kellu jkun dak/dik jew dawk li jipposjedu ricevuta fiskali mahruga minn apparat eletroniku registrat bin-numru 1038-4804 liema ricevuta tkun inharget fl-1 ta' Lulju 2000 minn MHG Trading Ltd (The Plaza Dept. Store) Sliema u li tali ricevuta jkollha, bhala numru ta' centezmi wiehed mis-segwenti u cioe` 07, 95, 74, 13, 32, 97, 98, 56, 35, u 27; illi kif jirrizulta mill-kopja tar-ricevuta Dok. A, hija kienet tipposjedi dawn ir-rekwiziti kollha u ghalhekk hija intitolata ghall-premju kollu jew parti minnu skond il-kaz; illi meta hija marret fid-Dipartiment tax-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud sabiex tigbor il-premju li kienet rebhet jew parti minnu, l-ufficjal inkarigat irrifjuta li jghaddilha l-istess u dan peress li rrifjuta li jaccetta r-ricevuta taghha bhala dik rebbieha; illi dan l-agir tal-konvenut Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud huwa wiehed skorrett u ingust u jmur kontra r-regolamenti stabiliti fil-kaz tal-lotterija rigwardanti ricevuti mahruga minn cash register fiskali; illi l-konvenuti, interpellati sabiex jottemperaw ruhhom mal-ligi, baqghu inadempjenti;

premess dan kollu, l-attrici talbet li l-Prim Awla tal-Qorti Civili:

1. Tiddikjara li l-attrici kienet tipposjedi r-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi sabiex tippartecipa fil-lotterija dwar ricevuti mahruga minn cash register jew minn mekkanizmi mqabbda ma xi mekkanizmi mqabbda ma’ xi sistema kompjuterizzata ghall-perjodu 1 ta’ Lulju sa 15 ta’ Lulju 2000 u li r-ricevuta mahruga lilha nhar l-1 ta’ Lulju 2000, u debitament prezentata, kienet tintitolaha sabiex tiehu l-premju stabbilit; u

2. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti, jew lil min minnhom, sabiex ighaddi l-premju spettanti lill-attrici fit-tlugh tal-lotterija mnedija mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud gia Dipartiment tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa ghar-rigward ta’ ricevuti mahruga minn cash register jew minn mekkanizmi mqabbda ma xi mekkanizmu mqabbda ma’ xi sistema kompjuterizzata ghall-perjodu 1 ta’ Lulju sa 15 ta’ Lulju 2000; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

**<u>Nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti</u>**

**3.** Permezz tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghhom, il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud u d-Direttur tal-Lottu Pubbliku[1], eccepew:-

(1) illi ghalkemm il-konvenut Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud skond id-DPL Permit no. 79/2000 skond l-Ordinanza tal-Lottu (Kap. 70) nghata permess li jaghmel Lotterija Pubblika bbazata fuq ir-ricevuti fiskali ggenerati mill-cash registers, l-eccipjenti m’ghandhom l-ebda poter li jiddeciedu fuq min jirbah il-lotterija ta’ l-ircevuti fiskali, ghalhekk ic-citazzjoni kif impostata fil-konfront taghhom hija insostenibbli;

(2) illi fil-meritu jinghad illi huwa l-Bord tal-Lotteriji tal-VAT, Bord awtonomu mill-konvenuti, mwaqqaf specifikament bil-ligi u li hu kompost minn rapprezentant min-Nutar tal-Gvern, rapprezentant tad-Direttur tal-Lottu

[1] Fol. 13-20.

Pubbliku, minn rapprezentant tal-konsumaturi u minn rapprezentant tad-Dipartiment tal-VAT, li ghandu l-inkarigu jissorvelja dawn il-lotteriji u finalment jiddeciedi min ikun ir-rebbieh f'lotteriji ta' din ix-xorta; dan jirrizulta mid-D.P.L. Permit 79/2000; ghaldaqstant huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

(3) illi l-permess tad-Direttur tal-Lottu Pubbliku ghal din il-lotterija, (DLP) permit 79/2000 jistipula illi wahda mill-kondizzjonijiet ghal-lotterija tkun it-tlugh bix-xorti (random) permezz ta' programm ta' kompjuter ta':-

*c. (iii) two digits from 00 to 99 [and drawn ten consecutive times] representing the cents on the total amount printed on the fiscal receipts generated from the cash register;*

*d. thus the numbers drawn indicating the date, the VAT registration number and the amount in cents of the total fiscal receipt will identify the winner/s of the lottery.*

(4) illi fil-lotterija mtellgha ghall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2000 sal-15 ta' Lulju 2000 ir-rebbieh tal-lotterija kellu jkun dak/dik jew dawk il-persuni li jipposjedu ricevuta fiskali mahruga minn apparat elettroniku registrat bin-numru 1038-4808 liema ricevuta tkun inharget fl-1 ta' Lulju 2000 minn MHG Trading Ltd (the Plaza Dept Store) Sliema u li tali ricevuta jkollha bhala numru ta' centezmi wiehed mis-segwenti u cjoe' 07, 95, 74, 13, 32, 97, 98, 56, 35 u 27; billi r-ricevuta ta' l-attrici ma kellhiex dawn ir-rekwiziti ma kinitx legalment valida u ma setghet qatt tikkompeti ghall-premju tal-lotterija de quo; il-Bord fid-decizjoni tieghu tal-25 ta' Lulju 2000 iddecieda li ma kinitx intitolata ghall-premju jew parti minnu stante illi t-total ta' flus li hallset kien jammonta ghal Lm5.49 u cjoe` l-ammont li jirrizulta meta mill-ammont originali ta' Lm10.98 tnaqqas skont ta' 50%; illi peress li n-numru 49 ma jirrizultax li kien wiehed min-numri rebbieha, il-Bord gustament cahad il-pretenzjoni ta' l-attrici billi kienet nieqsa minn rekwiziti legali essenzjali.

(5) illi l-paragrafu 2 ta' l-14-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, jobbliga li ghandha tinhareg ricevuta fiskali ghall-kumpens imhallas ghal dik il-provista sal-limitu ta' dak il-hlas; illi l-partita 3 ta' l-istess skeda tobbliga li r-ricevuta fiskali minn persuna li tbigh bl-imnut tinhareg minn *cash register* fiskali; il-partita 10(2) ta' l-istess Skeda tipprovdi li *cash register* fiskali ghandu jkun sufficjenti biex jaghmel dawk il-funzjonijiet li jinsabu elenkati fil-paragrafu 2 ta' l-istess partita, fosthom li jinkludi t-total tal-kumpens inkluza t-taxxa tieghu mhallsa ghall-provvisti inkluzi fit-transazzjoni.

(6) illi skond is-Seba' Skeda li tinsab ma' l-istess Att u cjoe` l-partita 4 taghha, il-valur taxxabbli ta' provvista ghandu jkun l-ammont wara li jitnaqqas kull skont fil-prezz u rohs moghti lill-kompratur li jitqies filwaqt tal-provvista w allura jirrizulta bl-aktar mod lampanti illi meta l-iskop tal-lotterija huwa li jinkoragixxi lill-pubbliku biex jitlob ricevuta fiskali, u dan ghandu jkun oltre kull konsiderazzjoni ohra ipotetika msemmija fic-citazzjoni, il-ligi fil-kaz taht ezami titkellem dwar ammont defenit, cjoe` l-ammont li fil-fatt jithallas jew li ghandu jithallas mill-kompratur; kull konsiderazzjoni ohra hija akkademika, ipotetika w irrelevanti sabiex tiggustifika l-partecipazzjoni b'success ta' detentur ta' ricevuta fiskali f'dawn il-lotteriji jekk ma jkollux xi wiehed min-numri rebbieha fuq l-ircevuta fiskali; allura jsegwi illi d-decizjoni tal-Bord kienet legalment korretta;

(7) illi mis-suespost jirrizulta bl-iktar mod car illi m'hemm l-ebda premju x'jithallas mill-intimati [recte: konvenuti] lill-attrici stante illi r-ricevuta fiskali pprezentata minnha ghall-perjodu in kwistjoni ma kenitx tikkonforma man-numri rebbieha fil-lotterija mtella' fid-data in kwistjoni msemmija aktar 'il fuq, billi kienet ircevuta invalida ghall-iskop tal-lotterija.

**4.** Permezz ta' digriet moghti fil-25 ta' April 2001[2], il-Prim Awla ordnat li jissejjah fil-kawza l-Bord tal-Lotteriji tal-VAT;

[2] Fol. 31-32.

il-membri[3] ta' dan il-Bord, fin-nota ta' eccezzjonijiet taghhom, ipprezentata fit-28 ta' Jannar 2002[4], eccepew:-

1. illi preliminarjament il-Bord tal-Lotteriji tal-VAT m'ghandux personalita` guridika separata u m'ghandux il-mansjoni li jirrapresenta l-Gvern ta' Malta ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif kien ikkostitwit mill-kjamati fil-kawza odjerna u l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. illi l-Bord illum il-gurnata m'ghadux jiffunzjona peress li dan ix-xoghol qieghed illum isir minn terzi;

3. illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

4. illi l-eccipjenti m'ghandhomx ibaghtu spejjez tal-kawza.

**Is-sentenza appellata**

**5.** Permezz ta' sentenza moghtija fit-28 ta' Marzu 2003, il-Qorti filwaqt li laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u kjamati fil-kawza cahdet it-talbiet ta' l-attrici, bl-ispejjez kontra taghha, u dan wara li kkunsidrat is-segwenti:

"L-attrici qed titlob li jigi dikjarat li hi kienet tippossjedi r-rekwiziti kollha stabiliti mill-ligi sabiex hija tippartecipa fil-lotterija dwar ricevuti mahruga minn *cash register* ghall-perijodu 1 ta' Lulju sa 15 ta' Lulju, 2000 u li r-ricevuta mahruga lilha nhar l-1 ta' Lulju, 2000 kienet tintitolaha sabiex hija tiehu l-premju stabilit.

"Il-konvenuti qed isostnu li m'hemm l-ebda premju x'jithallas lill-attrici billi l-ircevuta fiskali pprezentata minnha ghall-perijodu in kwistjoni ma kinitx tikkonforma man-numri rebbieha fil-lotterija mtellgha fid-data in kwistjoni billi kienet ircevuta invalida ghall-iskop tal-lotterija.

---

[3] Dott. Cora Vella, Anthony Mifsud, Hector Micallef, Emanuel Abela u Joseph Grech – ara fol. 37 u 45.
[4] Fol. 52.

"Il-posizzjoni ta' l-attrici giet spjegata dettaljatament fl-affidavit taghha ezebit a fol 57 *et seq* tal-process. L-argument taghha fis-sostanza hu li c-centezmi li kellhom jigu konsidrati kienu dawk tat-*total sale* ta' Lm10.**98** u mhux dawk ta' dan l-ammont wara li gie *discounted* cjoe Lm5.**49.** Hi rriferiet ghal DPL *permit* 79/2000 Sectiion C (iii) (ara fol 95) li jawtorizza lill Kummissarju biex jaghmel lotterija pubblika taht certi kondizzjonijiet fosthom dina imsemmija:

(iii) *two digits (from 00 to 99) {and drawn ten consecutive times} representing the cents on the **total amount** printed on the fiscal receipts generated by the cash register.*

L-attrici targumenta li mkien minn dan il-*permit* ma jispecifika li t-total tac-centezmi ghandu jkun t-total tac-centezmi li jithallsu. Inoltre hi tghid li d-definizzjoni tas-*sub total key* li hemm fil-Legal Notice 86/1997 fol 67 et seq) taqbel ma dak li hemm imnizzel fid-DPL *permit*. Dan il-L.N. jipprovvdi li :

(vi) *"total key" to allow payment to take place and close off the transaction;*
(vii) *"sub-total key" to enable the prevailing transaction total to be displayed and printed.*

"Il-konvenuti ssottomettew li l-ircevuta li pprezentat l-attrici kellha t-total tac-centezmi taghha li ma kienx konformi ma' l-ebda wiehed mic-centezmi mtellgha (ara fol 62 u 63). Huma jiehdu in konsiderazzjoni t-total attwali imhallas cjoe` l-ammont finali li jkun thallas. F'dan il-kaz ghalkemm in-numru 98 centezmi kien wiehed min-numri li telghu, dan in-numru ma kienx jikkorrispondi man-numru ta' centezmi (49) li l-attrici fil-fatt hallset (ara xhieda ta' Martin Buttigieg u ittra a fol 66).

"Illi l-Qorti wara li semghet lill partijiet, rat id-dokumenti ezibiti, u ezaminat il-ligi in kwistjoni, tasal ghall-konkluzjoni li l-ammont li kellu jittiehed in konsiderazzjoni ai fini tal-lotterija kellu jkun l-ammont li attwalment gie mhallas mill-attrici wara li nghatat id-*discount*. Is-*subtotals* jew id-

*discounts* ma jghoddux ai fini tal-lotterija, izda t-total jew l-amount *payable*.

"L-iskop ta' l-ircevuta fiskali skond l-Att tal VAT 1998 hu li dina l-ircevuta turi l-ammont li jkun thallas mix-xerrej u l-iskop tal-lotterija kien appuntu biex minn jixtri jigi nkorraggit biex jitlob l-ircevuta ta' dak li jkun hallas. Fil-fatt il-kelma 'ricevuta' tirreferi ghall dak li wiehed ihallas u mhux ghall prezz ta' l-oggett.

"Ghalkemm id-DPL *permit* ma jispecifikax li l-ammont ghandu jkun dak li attwalment gie mhallas izda l-istess *permit* ma jirreferiex ghal kwalunkwe ammont fuq l-ircevuta. Skond l-iskop tal-lotterija fuq imsemmi l-interpretazzjoni korretta hija dik li tirreferi ghall-ammont attwalment imhallas u fid-dawl ta' l-iskop tal-ligi hi dina l-interpretazzjoni li taghmel sens.

"Inoltre kompratur ihallas il-Vat fuq l-ammont li attwalment ihallas u mhux fuq l-ammont originali bla *discount*. Il-bejjiegh ihallas il-VAT fuq l-ammont mibjugh.

"Dan hu konfermat ukoll meta wiehed ihares lejn l-iskeda 7 tal-Att 23/1998 Artikolu 18, 4 (b) il-valur taxxabbli ta' provvista **ghandu jkun l-ammont wara dan it-tnaqqis**

(b) kull skont fil-prezz u rohs moghti lill kompratur li jitqies fil-waqt tal-provvista.

"Fl-iskeda 14 Artikolu 50(4) Ricevuti Fiskali partita 2 dwar l-obbligu li tinhareg ricevuta jinghad li kull persuna registrata li taghmel provista taxxabbli msemmija fl-Att ghandha tohrog ricevuta fiskali skond dawn ir-regolamenti ghall-kumpens lilha mhallas ghal dik il-provvista **sal-limitu ta' dak il-hlas.**

"Ghalhekk it-talba attrici ma tistax tintlaqa'."

**<u>L-appell</u>**

**6.** Fil-15 ta' April 2003 l-attrici pprezentat appell li huwa msejjes bazikament fuq is-segwenti tlett aggravji:-

**(1)** Saret applikazzjoni hazina tal-ligi peress li gie injorat ghal kollox l-Avviz Legali 86/97 u dan meta l-Bord tal-Lotterija tal-VAT ibbaza ruhu fuq dan l-Avviz Legali. Dan l-avviz legali kien dak applikabbli fil-kaz ta' lotterija li tirreferi ghal ricevuti mahruga minn *cash register*;

**(2)** Il-kwistjoni kollha li kellha tigi deciza mill-Ewwel Qorti kienet jekk is-*sub total* kellux jigi mehud in konsiderazzjoni biex wiehed jistabilixxi jekk l-appellanti kenitx rebbieha fil-lotterija organizzata mid-Dipartiment. Galadarba l-Avviz Legali 86/1997 kien ghadu in vigore, dawn ir-regolamenti kienu applikabbli ghal-lotterija; u

**(3)** Illi inoltre b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 50(4) ta' Skeda 14 partita 2 ta' l-Att XXIII ta' l-1998, il-ligi tipprovdi li r-ricevuta fiskali mahruga skond ir-regolamenti ghall-kumpens imhallas lill-persuna registrata ghal dik il-provvista ghandha tkun *"sal-limitu ta' dak il-hlas"* -- kliem li skond l-appellanti jirreferi *"…ghall-process kollu sakemm isir il-hlas"*.

**<u>Rikapitolazzjoni tal-fatti</u>**

**7.** Tajjeb li, ghall-kjarezza, jigu rikapitolati l-fatti saljenti kif jemergu mill-provi:

1. Fl-1 ta' Lulju 2000 l-appellanti xtrat xi oggetti mill-istabbiliment Coin li jinsab fil-Plaza Dept. Store, Sliema.

2. Il-prezz ta' l-oggetti, kif imnizzel fir-ricevuta[5], kien ta' Lm**10.98** u l-appellanti nghatat skont ta' hamsin fil-mija (50%). B'hekk hallset is-somma ta' Lm**5.49**, ammont li jissemma' wkoll fl-istess ricevuta.

3. Permezz ta' avviz[6] li deher fil-gazzetti lokali gie ddikjarat li r-rizultat ghal-lotterija ta' ricevuti fiskali mahruga minn *cash register* bin-numru ta' registrazzjoni 1038-4804 ghad-data tal-1 ta' Lulju 2000 kienu dawk li jgibu n-numri f'centezmi ta' 07, 95, 74, 13, 32, 97, 98, 56,

[5] Fol. 6.
[6] Fol. 9.

35, u 27. Din il-lotterija kienet tkopri negozju li sar bejn l-1 u l-15 ta' Lulju 2000.

4. L-appellanti marret tirreklama l-hlas minghand id-Dipartiment izda rrifjutaw li jhallsu ghaliex qalulha li ma kellhiex ricevuta rebbieha.

5. Permezz ta' decizjoni mehuda mill-Bord tal-Lotterija dwar VAT fil-25 ta' Lulju 2000, gie ddikjarat li kien hemm tlett ricevuti, inkluza presumibilment dik ta' l-appellanti, li ma kienux jikkwalifikaw ghall-premju *"for the reason that the number of cents on the total amount paid by the customers do not tally with any of the winning numbers drawn on the 17.07.2000"* [7].

6. Meta jsir paragun bejn ir-ricevuta a fol. 6 tal-process u l-avviz li deher fil-gazzetti lokali, jirrizulta li jaqblu dawn il-fatturi:-

(a) in-numru ta' registrazzjoni – 1038-4804.
(b) Id-data tax-xiri – 1 ta' Lulju 2000
(c) L-istabbiliment – MHG Trading Ltd Coin (The Plaza Dept. Store), Sliema.

7. Il-kwistjoni kollha hija fuq ic-centezmi. Fuq ir-ricevuta hemm indikati zewg ammonti:-

(a) Lm10.98 - prezz ta' l-oggetti li xtrat l-appellanti. Fuq ir-ricevuta dan huwa ndikat bhala **Sub-Total**.
(b) Lm5.49 – prezz ta' l-oggetti li xtrat l-appellanti wara li nghatat skont ta' 50%. L-appellanti hallset dan il-prezz. Fuq ir-ricevuta dan huwa ndikat bhala **Amount Payable**.

Jekk wiehed kellu jqis il-prezz minghajr skont allura l-appellanti certament tikkwalifika ghall-premju. Mhux l-istess jigri jekk wiehed kellu jqies il-prezz li effettivament thallas mill-appellanti, in kwantu 49 m'huwiex wiehed min-numri li telghu. Ghalhekk fuq ir-ricevuta hemm zewg cifri

[7] Fol. 21.

ta' centezmi stampati, 98 u 49. Kollox jiddependi fuq liema cifra kellha titqies ghall-finijiet tal-lotterija.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**8.** L-Avviz Legali 86 ta' l-1997[8] huwa ntestat Customs and Excise Tax (Fiscal Devices) Regulations, 1997. Jibda biex jinghad li filwaqt li l-appellanti bbazat l-appell taghha fuq dan l-avviz legali, ic-citazzjoni li ppresentat hija bazata fuq dak li jghid il-permess tad-DLP numru 48/97[9], kopja ta' liema hi stess ippresentat ma' l-att tac-citazzjoni. Inoltre, mill-provi rrizulta li fiz-zmien li saret il-lotterija meritu tal-kawza, il-permess li kien applikabbli kien igib in-numru 79/2000[10] mahruga mid-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku. Madankollu tista' tghid li dawn iz-zewg permessi huma sostanzjalment l-istess, bid-differenza principali konsistenti fis-sistema tat-taxxa li kienet applikabbli fiz-zmien li ghalih jirreferu l-permessi.

**9.** Fost affarijiet ohra l-Avviz Legali 86/97 jaghti deskrizzjoni tal-buttuni li jrid ikollha *keyboard* tal-*cash register*, fosthom:-

*"(v) 'Discount Key' for entering a discount amount to a sale;*

*(vi) '**<u>Total Key' to allow payment to take place and close off the transaction</u>**; and*

*(vii) 'Sub-Total Key' to enable the prevailing transaction total to be displayed and printed"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

**10.** L-appellanti ssostni li r-risposta ghal dan il-kaz huwa proprju f'dan il-kliem. M'hijiex korretta, pero`, l-appellanti fl-argument taghha li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni dan l-Avviz Legali. Tant hu hekk li dik il-Qorti ghamlet referenza ghall-argument tal-appellanti li d-definizzjoni tas-*sub-total key* li nsibu fl-Avviz Legali numru

---

[8] Fol. 67.
[9] Fol. 7-8.
[10] Fol. 95-96.

86/1997 taqbel ma dak li jinghad fid-DLP permit numru 79/2000. Meta qieset dawn il-fatturi kollha l-Ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni li *"li l-ammont li kellu jittiehed in konsiderazzjoni ai fini tal-lotterija kellu jkun l-ammont li attwalment gie mhallas mill-attrici wara li nghatat id-discount. Is-subtotals jew id-discounts ma jghoddux ai fini tal-lotterija, izda t-total jew l-amount payable"*.

**11.** Issa, ma hemmx dubju li l-iskop ta' din il-lotterija kien proprju biex iservi ta' incentiva ghall-konsumatur sabiex jitlob ricevuta fiskali kull meta jixtri. Huwa biss permezz tar-ricevuta fiskali li wiehed ghandu d-dritt li jippartecipa f'din il-lotterija. Il-lotterija meritu tal-kawza kienet regolata mill-permess tad-DLP numru 79/2000. Permezz ta' dan il-permess id-Direttur tad-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud gie awtorizzat[11] biex jorganizza lotterija fir-rigward ta' ricevuti fiskali li jinhargu minn *cash registers* u –

*"…through a computer programme, the Grantees undertake to draw at random:*

*i. a number (1 to 15 or 16 to the last day of the relative month) to indicate the winning date;*
*ii. eight digits (representing the digits of the VAT Registration number) from amongst all the VAT Registrations authorised to issue fiscal receipts from cash registers; and*
*iii. two digits (from 00 to 99) {and drawn ten consecutive times} representing the* ***cents on the <u>total</u> <u>amount printed</u>*** *on the fiscal receipts generated by the cash register"*.

**12.** Il-Bord tal-Lotterija tal-VAT, invece, ikkunsidra biss it-total li thallas mill-klijent, jigifieri Lm5.49. Issa, huwa minnu li r-regolament DLP 79/2000 ma jaqrax ***"on the total amount <u>paid</u>"*** imma ***"on the total amount <u>printed</u>"***. Lanqas, pero`, ma jghid li wiehed irid iqis kull cifra f'centezmi li tissemma' fir-ricevuta fiskali. Rilevanti huma dawn l-osservazzjonijiet:-

---

[11] Mahrug skond l-Artikolu 11(2) tal-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku (Kap. 70 tal-Ligijiet ta' Malta).

(a) Kif gustament qalet l-Ewwel Qorti, ricevuta hija dokument li jikkonferma dak li attwalment ikun thallas mill-pagatur, f'dan l-kaz mill-appellanti.

(b) Skond il-ligi tal-VAT[12], kull persuna registrata taht din il-ligi ghandha obbligu li tohrog ricevuta fiskali ghall-hlas li tkun irceviet.

(c) Il-lotterija hija relatata mar-ricevuti fiskali mahruga skond l-Att XXIII ta' l-1998.

(d) Ghalkemm l-Avviz Legali numru 86 ta' l-1997[13] jipprovdi x'buttuni jrid ikollu l-*cash register*, ricevuta tirreferi ghall-hlas li <u>attwalment ikun sar mill-kompratur</u>. F'dan il-kaz Lm5.49. Dak huwa t-total li johrog meta taghfas it-*total key*, u tippermetti li jsir il-hlas u jinghalaq in-negozju.

(e) F'dan il-kaz it-total huwa ta' Lm5.49 u l-appellanti hallset dan l-ammont. Il-buttuni li l-ligi timponi li jkollu *cash register* m'ghandhom x'jaqsmu xejn mar-regolamenti mahruga mid-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku. Jekk wiehed rebahx jew le jiddependi fuq jekk jissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-permess 79/2000, u mhux mill-buttuni li hemm fuq il-*cash register*. Dan apparti l-fatt li fil-permess 79/2000 ma nsibu l-ebda riferenza ghall-Avviz Legali 86 ta' l-1997.

(f) F'kull kaz, il-kliem (tal-permess mahrug mid-D.L.P.) ***"representing the cents on the total amount printed"*** ghandhom jitqiesu li jirreferu ghac-cifra li tigi registrata meta taghfas it-*total key*, jigifieri l-ahhar ammont li fir-realta` huwa dak li jkun hallas il-konsumatur

---

[12] Il-partita 2 ta' l-iSkeda 14 (liema Skeda torbot ma' l-Artikolu 50(4)) (ara fol. 81 tal-process) taqra hekk: *"2. Subject to the other provisions of this Schedule, every registered person who makes a taxable supply or a supply referred to in Part One of the Fourth Schedule to the Act (exempt with credit supply) shall, except where he is required to issue a tax invoice in respect of that supply,* ***<u>issue a fiscal receipt in accordance with this Schedule for the consideration paid to him for that supply</u>*** *and such fiscal receipt shall, unless issued before the payment is made, be issued and delivered to the person who effects the payment or to the person to whom the supply is made immediately after payment has been effected, to the extent covered by that payment…"*(sottolinear ta' din il-Qorti).

[13] Fol. 67 – 77.

bhala prezz ghall-oggetti li jkun xtara. Ic-cifra hija dik li taghlaq in-negozju u li fuqha jsir il-hlas. Dak huwa t-total. Dan huwa kkonfermat ukoll jekk wiehed jirreferi ghall-paragrafu (d) ta’ DLP Permit no 79/2000 li jaqra:- *“thus the numbers drawn indicating the date, the VAT registration number and the amount in cents of **the total of the fiscal receipt** will identify the winner/s of the lottery”* (sottolinear ta’ din il-Qorti). Bla dubju f’dan il-kaz *“**the total of the fiscal receipt**”* huwa Lm**5.49**. L-ammont l-iehor huwa *sub-total*, igifieri ammont parzjali u mhux wiehed finali. Ir-regolamenti tad-DLP (i.e., il-permess) ma jghidux *“on the **sub-total** amount printed”* imma *“on the **total** amount printed”*. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, hija l-fehma ta’ din il-Qorti li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti hija korretta u gusta, u timmerita li tigi kkonfermata.

**13.** Fl-ahharnett l-appellanti ghamlet ukoll referenza ghall-partita 2 ta’ l-iSkeda 14 ta’ l-Att XXIII ta’ l-1998[14], fis-sens li l-kliem *“sal-limitu tal-hlas”* (*“to the extent covered by that payment”*) ifissru li wiehed qieghed jirreferi ghall-process kollu. Din il-Qorti ma tara ebda validita` fir-ragunament ta’ l-appellanti. Dak li qieghed ighid il-provvediment huwa li r-ricevuta fiskali trid tinhareg hekk kif isir il-hlas u tkun tirreferi ghall-hlas li jkun sar u tkun tkopri dak il-hlas. Huwa f’dan is-sens li ghandhom jinqraw il-kliem *“sal-limitu tal-hlas”*. Dan il-provvediment, jew ahjar dawn il-kliem, b’ebda mod ma jistghu jkunu ta’ ghajnuna ghall-appellanti.

**14.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell interpost mill-attrici Josephine Aquilina, u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dana l-appell, bhal dawk ta’ l-ewwel istanza, jithallsu kollha mill-attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[14] Fol. 81 – ara wkoll *nota in calce* numru 12, *supra*.